MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' April, 2010

Numru. 85/2006

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Rita Ciappara, bint Carmelo Borg, imwielda Pieta' fil-15 ta' Novembru, 1963, Karta ta' l-Identita numru 598863(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata –
1. Talli fl-1 ta' Ġunju, 2002 u fiż-żminijiet ta' qabel ġewwa r-Rabat, Malta u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ ta' Lm10,000 bi ħsara ta' Carmel Micallef;

2. talli fl-istess ċirkostanżi, bi ħsara ta' Carmel Micallef, għamlet xi qliegħ b'qerq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-26 ta' Ġunju, 2006 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
Fl-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Jannar, 2007 fejn l-imputata tat il-kunsens tagħha biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputata bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni, l-avukat tal-parte ċivile u lill-avukat ta' l-imputata.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-23 ta' Ġunju, 1998 saret skrittura privata fil-prezenza tan-Nutar Dottor Pierre Falzon l-uffiċċju tiegħu Attard. Skond dan id-dokument ċerta Jane Vassallo silfet lil Carmelo Micallef, il-parte ċivile f'din il-kawża, is-somma ta' għaxar telef liri maltin (Lm10,000). Dan id-dokument hu l-pern ta' din il-kawża fejn l-imputata tinsab akkużata.

Illi jirrizulta li l-imputata, Rita Ciappara, u Carmelo Micallef kellhom negozju flimkien għal ħafna snin. Fil-fatt, il-partijiet kienu ffurmaw kumpanija bejniethom. L-ewwel kien ħanut ta' l-istationery, imbagħad kellhom supermarket flimkien. Meta saret din l-iskrittura privata hawn fuq imsemmija r-relazzjoni bejn iż-żewġ partijiet kienet waħda tajba. Għandu jiġi rilevat li Carmelo Micallef jiġi ż-żiju tar-rispett ta' żewġ Rita Ciappara. Mhux talli hekk iżda l-konjuġi Ciappara kienu marru joqgħodu għand

Micallef u meta Carmelo Micallef romol hu mar igħix mal-familja Ciappara għal xi żmien. Għal xi raġuni li mhux meritu ta' din il-kawża r-relazzjoni bejn Rita Ciappara u Carmelo Micallef bdew jmorru ħażin. Carmelo Micallef xehed li Rita Ciappara kienet qed tieħu xi flus tal-kumpanija, ħaġa li Rita Ciappara ċaħdet. Min-naħa tagħha, Rita Ciappara xebet fin-negozju u riedet titlaq għaliex in-negozju kien sejjer ħażin.

Illi fl-isfond ta' dan ix-xenarju jirrizulta li wara ix-xahar ta' diċembru, 1999 ma sar ebda pagament lil Jane Vassallo. Tħallsu biss tlett rati ta' Lm500 il-waħda u cioe' f'Diċembru, 1998, f'Ġunju, 1999 u l-aħħar rata f'Diċembru, 1999. Naturalment, Jane Vassallo avviċinat lil Carmelo Micallef u staqsiet għaliex il-pagamenti waqfu. Hu qallha biex tkellem lill-imputata Rita Ciappara. Rita Ciappara qaltilha li hi ma kellha xejn x'taqsam ma dan is-self.

Illi l-qofol ta' din is-sitwazzjoni kienet li Carmelo Micallef xehed li dak is-self sar għaliex Rita Ciappara kellha bżonn il-flus u hu kien qed jaġixxi biss billi kien qed juża ismu fuq l-iskrittura. Hu xehed li Rita Ciappara ma rieditx jinvolvi lil żewġha fuq l-iskrittura billi hu membru fil-korp tal-pulizija. Min-naħa tagħha, l-imputata xehdet li Carmelo Micallef kellhu bżonn il-flus għaliex flusu kienu marbutin il-bank. Minbarra dan hi xehdet li Jane Vassallo kienet silfet somma flus lilha u lil żewġha u il-konjuġi kienu ffirmaw it-tnejn fuq l-iskrittura. Jane Vassallo xehdet li g]all-ewwel l-imputata ma qaltilix minn kien ser ikun il-benefi`arju ta' dan is-self iżda wara l-imputata nfurmata li s-self kien ser ikun favur Carmelo Micallef.

Illi meta saret l-iskrittura għand in-Nutar Pierre Falzon, l-istess nutar kien taħt l-impressjoni li l-benefiċarju kien Carmelo Micallef. Il-flus ġew miġbura minn Rita Ciappara u in-Nutar Falzon innota dan il-fatt, għaliex Rita Ciappara kellha handbag fejn setgħet iżżomm il-flus.

Illi wara li saret il-firma tal-iskrittura Rita Ciappara wasslet lil Jane Vassallo d-dar. Hi xehdet li wara hi marret għand Carmelo Micallef u tatu l-flus fil-kċina. Fuq dan il-punt mhemmx il-benefiċċju tax-xhieda ta' Carmelo Micallef.

Illi fl-atti ta’ din il-kawża ġew allegati l-atti taċ-‘challenge’ promotur ta’ din il-kawża, kif ukoll ġew eżebiti numru ta’ dokumenti da parti ta’ Carmelo Micallef. Sostanzjalment, dawn id-dokumenti kollha u ix-xhieda tal-atti allegati ma jitfa ebda dawl ġdid peress illi kien hemm repetizzjoni ta’ dik ix-xhieda li reġa ngħatat ‘viva voce’ quddiem din il-Qorti.

Illi fi ftit kliem il-kwistjoni kollha ddur mal-fatt jekk dan is-self partikolari kienx a benefiċċju ta’ l-imputata jew a benefiċċju ta’ Carmelo Micallef. Mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizulta ċar li dawn il-fatti jagħtu lok għall-kwistjoni ta’ indole ċivile u mhux kriminali. Imma anki jekk għall-grazzja ta’ l-argument dan il-fatt jiġi mwarrab, fuq l-iskorta tal-provi prodotti hemm dubji serji li fil-fatt l-imputata wettqet l-akkużi li hi bihom akkużata.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------